**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 355/2017 PM1**

**Surprice Car Rentals (Malta) Limited (C72346) gja maghrufa bhala GRC Car Rentals Limited (C72346)**

**Vs**

**Christopher Micallef (0388272(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 t' Awwissu, 2017 illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u sitta u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi (€2376.59) rapprezentanti ammont dovut ghas-servizzi ta' kiri ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCK431 u dana skont l-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok. 'A' inkluzi spejjez ancillari in konnessjoni mal-istess vettura; bl-ispejjez inkluz il-mandat ta' sekwestru bl-istess ismijiet u bl-imghax fuq is-sorte mil-lum sal-effettiv pagament skont il-ligi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 t'Ottubru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elfejn, tlett mija u sitta u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi (€2376.59) rapprezentanti ammont dovut ghas-servizzi ta' kiri ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCK431 u dana skont l-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok. 'A' inkluzi spejjez ancillari in konnessjoni mal-istess vettura, bl-ispejjez inkluz il-mandat ta' sekwestru bl-istess ismijiet u bl-imghax fuq is-sorte mid-data tan-notifika tal-avviz lill-intimat sal-effettiv pagament kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**